

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/1637****tas-6 ta' Settembru 2016****dwar il-bidu tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja (EUNAVFOR MED/4/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2b u l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/993 <sup>(2)</sup>, li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 daħlet l-Artikolu 2b f'dik id-Deċiżjoni bil-għan li jingħata kontribut għall-iskambju ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja bħala kompitu ta' appoġġ tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA.
- (2) Skont l-Artikolu 2b(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, meta l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jiddeċiedi li jkunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet rilevanti, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tibda tikkontribwixxi, f'żona miftiehma tal-operazzjoni, għall-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja permezz ta' spezzjonijiet ta' bastimenti destinati lejn jew ġejjin mil-Libja fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li tali bastimenti jkunu qed iġorru armi jew materjal relatat lejn jew mil-Libja, direttament jew indirettament, bi ksur tal-embargo fuq l-armi fuq il-Libja, u permezz ta' azzjoni rilevanti tikkonfiska u tidisponi minn tali oġġetti, inkluż bil-ħsieb li tidderieġi tali bastimenti u l-ekwipaġġi tagħhom lejn port adatt biex tiffaċilita tali disponiment, bil-kunsens tal-Istat tal-port, b'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluża l-UNSCR 2292 (2016).
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE assigura lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà li ntlaħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jibda dak il-kompitu ta' appoġġ.
- (4) Għalhekk, l-Operazzjoni EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tiġi awtorizzata tibda fiż-żona miftiehma tal-operazzjoni, biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja kif previst fl-Artikolu 2b tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tibda tikkontribwixxi, fiż-żona miftiehma tal-operazzjoni, għall-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja kif previst fl-Artikolu 2b tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778.

<sup>(1)</sup> ĠUL 122, 19.5.2015, p. 31.<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/993 tal-20 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (ĠU L 162, 21.6.2016, p. 18).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---